# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat: Dr.Noel Cuschieri LLD  Mag.Jur. (Euro. Law)

***Kump.112/00***

***Pulizija***
***Supt Martin Bayliss***
***v***
***Joseph Cini***

Illum 04 ta' Frar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Joseph Cini huma, fit-termini tal-Att tar-rinviju datat 23 ta' Awissu 2000, bazati fuq is-segwenti reati:

**Serq kwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur, hin u lok** – *rifferibbilment gal-21 ta' Jannar 2000;*

**Vilifikazzjoni ta' Ufficjal Pubbliku -** *referibbilment ghat-8 ta'*;

**Attakk/Resistenza;**

**Kontravvenzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 338 (bb, cc, dd);**

**Recidivita'**

**Ksur tal-liberta' kondizzjonata**

***<u>Kwadru tal-fatti</u>***

Illi l-kaz odjern origna minn rapport li sar fil-21 ta' Jannar 2000 mit-tifel ta' Miriam Bouvet, s-siehba tal-imputat, li kien inqala argument shun bejn l-imputat u ommu. Sussegwentement l-istess Bouvet ghamlet rapport fis-sens li l-imputat kien involut f' serqa minn Villa f' H'Attard. Il-pulizija bdiet l-investigazzjoniet taghha fuq il-kaz immedjatament, bir-rizultat li pulizija marru fuq il-post indikat, fejn hemm sabu l-van tal-imputat, li kien wieqaf bil-*hazard lights* mixghulin, u li fih kien hemm oggetti li rrizultaw li kienu refurtiva misruqa minn villa

Illi dak in-nhar il-pulizija ma rnexxielhiex tarresta lill-imputat peress li ma setghetx tirrintraccjah. Izda fit-8 ta' Frar 2000 s-Supretendent Martin Bayliss lemah lill-imputat fil-Gzira, u hekk kif dan mar biex jarrestah, l-imputat irresista ghall-arrest **billi xejjer bil-ponn u f' hin minnhom <u>laqat</u> lill-imsemmi Supretendent**. Hin minnhom irnexxielu jisgicca u hareb billi telaq jigri, izda l-imsemmi Supretendent baqa' jigri warajh u rnexxielu jaqbdu. Sussegwentement l-imputat ikkalma u ssokkomba ghall-arrest.

***<u>L-Imputat</u>***

Illi dana fl-istqarrija li rrilaxxja lill-pulizija ammetta li l-oggetti li kienu fil-van tieghu kienu refurtiva u li dana kien konsapevoli ta' dan il-fatt. Huwa ta dan il-kwadru tal-fatti: Fil-21 ta' Jannar 2000 huwa flimkien mal-imsemmija Miriam Bouvet u t-tfal rispettivi taghhom hargu bil-van tieghu ghal-habta tal-5.30 pm. biex imorru jixtru. Sussegwentement wara li dawna marru diversi postijiet, l-imputat gibed lejn H' Attard peress li kien mifthiehm li jintaqa' ma persuna fejn ic-Cimiterju ghal habta tas-6.00 pm

Meta Miriam Bouvet rat lill din il-persuna, li l-imputat identifika bil-laqam taghha, hija ssuspettat li l-imputat kien ser jinvolvi ruhu f'

attivita' kriminuza;  izda l-imputat qalilha li huwa ried jixtri xi affarijiet sabiex jbigghom fuq il-Monti u jaqla lira.  F' dan l-istadju d-dikors inqaleb fuq kwistjoni ta' natura familjari u personali u l-incident pprecipita bir-rapporti fuq indikati mghamula minn Bouvet u t-tifel taghha

Illi mal-ufficjal prosekutur l-imputat ammetta li kien jaf li l-oggetti li nstabu ghandu kellhom provenienza dellitwusa.  Huwa stqarr hekk: *" .. meta intqajt ma (dik il-persuna)* ***dan dahhalni gewwa parti mill-villa fejn hemm bieb kbir tal-hgieg****, u dan (il-persuna) gab dawn l-affarijiet fejn jiena aktar tard ghabbejthom fil-van tieghu, u dak il-hin jiena tajtu taghhom Lm60, imbaghad wara bdiet il-gwerra ma (Bouvet)".(Emfasi tal-Qorti)(fol.74)*

Illi l-imputat skuza ruhu mal-ufficjal prosekutur dwar l-incident tat-8 ta' Frar 2000, u spjega li dak il-hin kien ecitat ghax ma xtaqx jmur il-habs.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi l-Qorti hija tal-fehma li mill-kumpless tal-provi migjuba jikkonfiguraw ir-reati kollha attiribwiti lill-imputat.

***Serq Aggravat*** – Rigward dan ir-reat il-Qorti tosserva li hemm elementi ta' prova sufficjenti sabiex jissodisfaw l-akkuza bazata fuq dan ir-reat.  Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li **l-imputat kien prezenti fil-parametri tal-Villa** meta l-affarijiet kienu qed jigu misruqin minn dan il-post jirrendih **ko awtur** fl-attivita' kriminuza  in disamina.  Mill-provi rrizulta li, meta l-imputat ghabba l-affarijiet fil-**van tieghu li wkoll kien gewwa l-villa** huwa rrenda ruhu ko partecipti fil-*contrattazjoni doluza* tal-oggetti ta haddiehor, *fatta invito domino con animo di farne lucro.*  L-imputat kien jaf li kienu qed jittiehdu u **li hu kien qed jiehu oggetti** li ma kienux tieghu, kontra l-volonta' ta sidhom bi skop lucrativ.  Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li dana ta s-somma ta'

LM60 lill-ko-awtur l-iehor, ma jvarja xejn mill-aspett guridiku tal-azzjoni kommessa minnu, u cioe' il-konfigurazzjoni tar-reat ta' Serq.

Illi inoltre irrizulta li s-serqa saret permezz ta' sgass, minn residenza, fil-hin ta' wara nzul ix-xemx (Jannar fis-6.00 pm) u fuq refurtiva li tissupera fil-valur is-somma ta' mitt lira maltin. Ghalhekk l-aggravji kollha, hlief ghal dak ta' vjolenza, indikati fl-akkuza hlief dak tal-vjolenza, jikkonfiguraw.

***Vilifikazzjoni ta' Ufficjal Pubbliku, u Attakk u Resistenza tal-istess*** – Dawn iz-zewg reati jirrizultaw provati, ghalkemm l-ewwel reat jinsab assorbit fit-tieni wiehed in linea mal-principji li jirregolaw l-unicita' tar-reati, stante li dawn jemanu mill-istess fatti u ghandhom jigu meqjusa bhala transazzjoni kriminali wahda. Fl-istess transazzjoni kriminali tassorbi wkoll il-kontravvenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338 cc tal-Kap.9. Iz-zewg kontravvenzjonijiet l-ohra indikati fl-att tar-rinviju ma jikkonfigurawx, stante li ma kienx hemm ksur tal-paci pubblika.

***Recidivita'*** – Din l-akkuza tirrizulta ampjament provata.

***Ksur tal-kondizzjoni tal-liberta' kondizzjonata*** – Il-Qorti tosserva li fit-13 ta' Lulju 1998 l-imputat kien instab hati talli seraq telecell (li kien gie ritornat lura lil sidu) liema **serq** kien aggravat bil-hin u bil-valur, izda din il-Qorti (diversament presjeduta) kienet illiberatu bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Irrizulta wkoll li fil-15 ta' Lulju 1999 l-imputat kien rega' gie misjub hati tar-reat ta' **serq** aggravat bil-mezz, valur, hin u lok kif ukoll kien instab hati tar-reat ta' Hsara Volontarja, u wkoll kien inghata l-beneficju tal-liberta' kondizzjonata ghal perijodu ta' tlett snin.

Illi il-kaz odjern sehh fiz-zmien il-perijodu operattiv ta' dawn iz-zewg sentenzi, u ghalhekk ghandu japplika d-dispost tal-Artikolu 10(1) tal-Kap.152.

***<u>Piena</u>***

Illi in propositu ghall-piena il-Qorti ezaminat il-fedina penali tal-imputat kif ukoll id-deposizjonijiet tal-ufficjali addetti mal-agenzja *Sedqa* u tikkonsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet.

Illi mill-fedina penali jirrizulta li l-imputat kien instab hati u kien gie kkundannat ghar-reat ta' serq diversi drabi, kif ukoll kien hemm okkazzjonijiet fejn anki kien hebb ghall-membri tal-pulizija. Huwa minnu li l-imputat kellu, u jidher li ghad ghandu diversi problemi, u huwa minnu li l-imputat fil-passat ghamel sforz f' hajjtu sabiex jisolvi dawn il-problemi – di fatti mill-process jidher li dana kien ghamel programm shih mas-*Sedqa* u anki wara, kien baqa' jmur hemm biex jsib l-ghajnuna – izda nonostante dan kollu, nonostante l-isforzi tieghu u ta' min qed jipprova jghinu, l-***imputat jidher li ghadu ma dahhalx f' rasu darba ghal dejjem li huwa ma jistax jibqa' jikser il-ligi b'dan il-mod u jibqa' jippretendi li l-Qrati jkunu generuzi fil-konfront tieghu***. Dak li tista' tghamel is-socjeta' hija li, tramite servizzi adegwati toffrilu l-ghajnuna. **Dak li <u>ghandu jghamel</u> hu li jiehu dik l-ghajnuna u jdhahhal f' rasu darba ghal dejjem li <u>that l-ebda cirkostanza</u> m'ghandu jirrikorri ghall-attivita' kriminuza**.

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti wasslet ghall-konkluzjoni li fil-kaz odjern - li minn aspett ta' piena jinkludi z-zewg kazijiet li ghalihom jirreferu s-sentenzi fuq citati - ghandha tapplika piena karcerarja tali li sservi lill-imputat bhala deterrent adegwat u **effettiv**

***<u>Decide</u>***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi, kif fuq spjegat, u, wara li rat l-Artikoli 17,49 u 50, 96 u 96, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269, 270 u 338 (cc) tal-Kap.9 u l-

Artikolu 10(1) Kap.152 b’ referenza gha-sentenzi fuq citati fl-istess ismijiet mghotija fit-13 ta''Lulju 98 u fil-15 ta’ Novembru 99, u wara li rat l-Artikoli tal-ligi indikati f’ dawn is-sentenza, u wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzajoni il-principji dwar konkors ta’ reati u ta’ pieni, tikkundanna lill-imputat komplessivament ghall-***piena ta’ prigunerija ghal zmien tlett snin*** – mill-liema perijodu ghandu jonqos iz-zmien li dana kien dam mizmum that arrest preventiv in konnessjoni mal-kaz odjern .

Ma ssibux hati tal-kumplament tal-akkuzi u tilliberah minnhom.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***

***Vera Kopja***

***Bruno Zahra***
***Deputat Registratur***